# Inkomplu Naħdmu b'Impenn

Philip Schembri
*Għalliem*



Il-Banda tagħna prinċipalment hi marbuta li ta' kull sena tieħu sehem fil-festa titulari ta' Marija Bambina u dan tagħmlu b'mod mill-iktar impenjattiv.

Xhur sħaħ ta' tħejjijiet ikunu saru għall-kunċert annwali ta' livell tat-2 ta' Settembru. Dan filwaqt li jsiru preparamenti oħra fir-rigward tal-għażla tal-marċi li jkunu ser jindaqqu mat-toroq tar-raħal matul il-festa. Isiru wkoll diversi laqgħat mal-Arċipriet u mal-għaqdiet l-oħra nvoluti fejn tidħol l-organizzazzjoni tal-istess festa. Aktar ma toqrob il-festa, l-attività fi ħdan l-Għaqda tagħna tiżdied u dan kollu favur il-komunità kollha ta' raħalna. Wieħed irid iżomm f'moħħu li l-parti l-kbira tax-xogħol isir kollu b'mod volontarju f'għaqda sħiħa sabiex kollox jirnexxi u jitgawda.

Fl-imgħoddi, il-festa kienet isservi ta' debutt għal numru ta' bandisti ġodda li kienu joħorġu jdoqqu strument għall-ewwel darba, filwaqt li kienet ukoll tinkoraġġixxi t-tagħlim tal-mużika fost it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Hija x-xewqa tagħna li l-festa tibqa' tagħtina dan il-frott. Jeħtieġ li l-interess fit-tagħlim tal-mużika jerġa' jiżdied. Nappella lill-ġenituri għall-għajnuna tagħhom f'dan ir-rigward. Dan ikun iservi ta' investiment kemm f'uliedhom u kif ukoll fil-baned tagħna. Irridu nifhmu li l-qagħda kif inhi bħalissa f'ħafna baned mhix sostenibbli. Hawn nuqqas ta' bandisti, kulħadd jinqeda bl-istess nies u min jispiċċa qed iħalli vojt kbir warajh għax ħadd ma jeħodlu postu. Mela ejjew inkomplu naħdmu għal dan il-għan li jagħti futur sod għall-baned tagħna.

F'ismi u f'isem is-Soċjetà tagħna, nagħti l-festa t-tajba lilkom filwaqt li ninsisti li l-festa għandna bħal dejjem inkomplu niċċelebrawha b'mod Nisrani, b'għaqda u mingħajr eseġerazzjonijiet. Nieħdu ħsieb dak li writna mingħand missirijietna!

***Inħarsu l-ambjent naturali ta' pajjiżna***

Stardust
Stationery, Greeting Cards
Harberdashery, Toys & Gifts
Cross Street, Mellieha
Tel: 21571692 • Mob: 99223908
Email: starduststationary@gmail.com


one80
KITCHEN • LOUNGE
(+356) 2152 1637
one80@foodrinksconcepts.com
www.one80.com.mt

# Sala Imperial

*** mgħammra b'arja kundizzjonata ***

Ideali għal kull tip ta' **riċeviment**, bħal tal-Magħmudijiet, tal-Praċett, tal-Griżma, tal-*Engagements* u tal-Anniversarji





Tintrama ukoll għal **konferenzi**, ***workshops*** u ***seminars***

*Jekk qed tipprepara għal xi **attività soċjali**, kellimna u toħroġ sodisfatt żgur!*

*Għal aktar informazzjoni, avviċinaw lill-membri tal-Kumitat*

Tel.: 21 523 467 / 21 520 536
e-mail: info@imperialbandclub.com
facebook: fb.me/imperialAD1930